MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 234/2005

**Carmel SANT et**

**vs**

**LA PALMA IMPORTS CO. LTD**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni imressaq fit-8 ta' Marzu, 2005 li bih l-atturi wara li ppremettew;

Illi kienu daħlu f'żewġ konvenji mas-soċjeta' konvenuta, l-ewwel wieħed iffirmat nhar l-24 ta' Diċembru 2003 sabiex jinxtraw tlett maisonnettes ġewwa B'Kara u konvenju ieħor datat ukoll 24 ta' Diċembru, 2003 sabiex jinxtraw maisonette u garaxx fuq l-istess sit ġewwa B'Kara;

Illi bħala depożitu l-atturi fuq iż-żewġ konvenji ħallew depożitu ammontanti għal erbgħa u erbgħin elf u mitt Lira Maltin (Lm44,100);

Illi ż-żewġ konvenji skadew ħames xhur mid-dati hawn fuq imsemmija u ma ġewx imġedda;

Illi l-konvenji skadew prinċipalment minħabba l-fatt li l-proprjeta' meritu tal-konvenju ma ġietx akkwistata mis-soċjeta' konvenuta u għalhekk ma kien hemm ebda proprjeta' sabiex tiġi trasferita jew mibjugħa;

Illi l-atturi diversi drabi interpellaw lis-soċjeta' konvenuta sabiex jirrifondu dawn il-flus imma baqgħet inadempjenti;

Illi l-istess soċjeta' konvenuta aċċettat sabiex tirrifondi dawn il-flus pero' stqarret illi użat dawn il-flus għall-proġett ieħor u ma għandhiex minn fejn tirrifondihom;

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-Liġi a tenur ta' l-artikolu 167-170 tal-Kap. 12 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta billi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u s-soċjeta' konvenuta ma għandhiex eċċezzjoni x'tagħti kontra t-talba tal-ħlas ta' l-istess dejn u l-atturi qegħdin jannettu ma' dan l-att affidavit skond l-artikolu fuq imsemmija.

Għaldaqstant, l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddeċiedu skond it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża u skond l-artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u proċedura Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi dawn il-flus huma dovuti lill-atturi u għalhekk tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tirristitwixxi l-bilanċ tal-prezz ammontanti għall-erbgħa u erbgħin elf u mitt Lira Maltin (Lm44,100) rappreżentanti d-depożitu imħallas fuq dawn iż-żewġ konvenji li huwa dovuti mis-soċjeta' konvenuta favur l-atturi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' qbid numru 249/05, mandat ta' sekwestru numru 334/05 u mandat ta'

inibizzjoni numru 333/05 kontra l-istess soċjeta' konvenuta rappreżentant minn Neville Spiteri, d-direttur li huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota tas-soċjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------